# PJAN TA’
# QAWMIEN EKONOMIKU
# U SOĊJALI
# GĦAL MALTA U GĦAWDEX

Pubblikazzjoni tal-Partit Laburista
Ġunju 2005
Stampat fil-Union Print Co. Ltd – Marsa, Malta

## *Titjieb fil-kwalità tal-ħajja għall-Maltin u l-Għawdxin kollha*

Ispirat mill-ideali li ilu jħaddan sa mit-twaqqif tiegħu, ewlenin fosthom il-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet għal kwalità ta’ ħajja aħjar miftuħa għal kulħadd, il-Partit Laburista jiżgura kontinwament kif se jwettaq fil-prattika l-valuri li sawwruh biex jitjieb il-livell tal-għajxien tal-familji Maltin u Għawdxin, speċjalment dawk il-ħaddiema li għandhom dħul baxx jew medju, is-*self-employed* iż-żgħar u l-anzjani. Biex dan iseħħ, il-Partit Laburista jrid jiżgura li jkun hawn qawmien fl-ekonomija tal-pajjiż ħalli jerġa’ jitkattar il-ġid u tkun tista’ tissaħħaħ is-solidarjetà soċjali.

## *It-tkattir tal-ġid u l-ħarsien soċjali jimxu id f’id*

Gvern Laburista jiżgura li bħala pajjiż inkunu aktar kompettitivi biex filwaqt li nżommu u nkabbru l-investiment li għamlu mprendituri ġewwa pajjiżna, niġbdu lejn Malta w Għawdex investiment ġdid, kemm fil-manifattura, it-turiżmu, u anki fil-qasam tas-servizzi. Huwa biss permezz ta’ investiment li jrendi li jista’ jitkattar il-ġid u jinħolqu opportunitajiet ġodda ta’ xogħol għal dawk li tilfu l-impjieg tagħhom jew għal dawk li qed jidħlu fid-dinja tax-xogħol għall-ewwel darba. Mingħajr tmexxija għaqlija tal-pajjiż w it-tkattir tal-ġid ekonomiku, la jistgħu jiġu sostnuti is-sistemi ta’ *welfare* li nħolqu fil-passat, bħall-penzjonijiet u servizzi pubbliċi ta’ kura medika w edukazzjoni, u wisq anqas jistgħu jiġu mtejjba dawn is-servizzi. It-tkattir tal-ġid u l-ħarsien soċjali jimxu id f’id għax mingħajr tkabbir ekonomiku ma jistax ikun hemm ġustizzja soċjali, u propju għalhekk illum il-Gvern Nazzjonalista qed iħott is-sistema tas-servizzi soċjali għaliex qed ifalli bil-kbir fil-ħolqien tal-ġid ekonomiku.

## *Malta trid tkun tassew Repubblika mibnjia fuq ix-xogħol*

Tul is-snin tiegħu fil-gvern, il-Partit Nazzjonalista kien aktar moħħu biex joħloq illużjonijiet li teżisti xi triq ħafifa fejn iċ-ċittadini m’għandhomx għalfejn jitħabtu wisq biex ikabbru il-ġid ekonomiku tagħhom. L-ewwel bdew bil-filosofija tal-*money no problem* li wasslet għal żieda qawwija fid-dejn, imbagħad wara li ntebħu li din it-triq wasslet għal problemi akbar, webblu lill-poplu li s-sħubija fl-Unjoni Ewropeja (UE) f’daqqa waħda, bħal xi baketta maġika, awtomatikament kienet ser ssolvi l-problemi kollha li għandu l-pajjiż. Il-Partit Laburista minn dejjem wissa li t-triq li qabad il-gvern Nazzjonalista ma kienetx sostennibli, u li fl-aħħar mill-aħħar il-ġid jigi maħluq biss bix-xogħol produttiv. Hu propju għalhekk li sa mis-snin sebgħin il-Partit Laburista kien naqqax fil-Kostituzzjoni il-prinċipju ewlieni tiegħu li Malta għandha tkun Repubblika mibnija fuq ix-xogħol. Mill-esperjenza l-poplu ntebaħ li l-Partit Laburista kellu raġun għax gvernijiet Nazzjonalisti tawh biss duħħan u tamiet foloz.

## *Pajjiżna daħal f'ċirku vizzjuz*

Fis-snin li għaddew Gvern Nazzjonalista daħħal f'ċirku vizzjuz minħabba l-problemi kroniċi fil-finanzi pubbliċi, fejn id-dejn illum ilaħħaq aktar minn Lm1.4 biljun u d-defiċit baqa' għoli minkejja ż-żieda min sena għal oħra fil-piż tat-taxxi, li qed joħnoq kemm l-investiment produttiv u wkoll ħoloq aktar tbatija lill-familji Maltin, speċjalment dawk bi dħul baxx jew medju. Flok għaraf kif se jrażżan il-ħela w jżid fl-effiċjenza tar-riżorsi li għandu f'idejh, il-Gvern Nazzjonalista kompla jonfoq dejjem aktar u staġna aktar l-ekonomija tal-pajjiż biż-żieda fit-taxxi u pizijiet ta' imgħaxijiet fuq d-dejn biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas ta' galbu fit-tmexxija tal-pajjiż. Dan l-aġir wassal għal nuqqas ta' inċentivi għal min jixtieq jinvesti w inċertezza fost il-ħaddiema w mpjegati li qed ikunu kostretti li joqogħodu dejjem aktar lura fl-infieq tagħhom. Dan kollu qed iwassal għal anqas bejgħ u għal tnaqqis fil-produzzjoni w fl-impjiegi. Apparti dan, iż-żieda fit-taxxi qed dejjem tgħolli l-ispejjeż tal-produzzjoni u b'hekk pajjiżna qed isir inqas u inqas kompettitiv. Din hi wahda mir-ragunijiet ewlenin għaliex pajjiżna mhux qed jirnexxielu jattira investiment ġdid barrani u jżomm dak li hawn ukoll. Għall-Partit Laburista huwa vitali li fil-ħidma w r-riformi li jridu jitwettqu, jintlaħaq l-għan li jagħmel pajjiżna aktar kompettitiv mingħajr ma jiżżarma l-istat soċjali.

## *Gvern Nazzjonalista mingħajr ħeġġa w viżjoni*

Fis-snin li għaddew l-unika viżjoni li kellu l-Partit Nazzjonalista għal Malta kienet dik li akkost ta' kollox idaħħal pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Hekk kif fl-1 ta' Mejju 2004 laħaq din l-ambizzjoni tiegħu, beda jidher ċar li l-Gvern Nazzjonalista huwa għal kollox nieqes minn viżjoni ċara u pjan serju ta' kif jista' jitkattar il-ġid ekonomiku u jiżdied l-investiment ġdid ġewwa pajjiżna. L-uniku pjan li qed jimxi fuqu l-Gvern fil-preżent huwa dak li jipprova jrażżan id-defiċit fiskali sempliċ iment għaliex qed issus fuqu kontinwament il-Kummissjoni Ewropea, u dan billi qed ikompli jisloħ il-ħaddiema Maltin u Għawdxin permezz ta' iktar taxxi u piżijiet li qed iwassal għal aktar staġnar ekonomiku

## *Naħdmu fi ħdan realtà ġdida ta' sħubija fl-UE u f'dinja globalizzata*

Fl-2004 Malta saret membru tal-UE u Gvern Laburista ser jaħdem biex jegħleb l-isfidi li ġġib magħha din ir-realtà ġdida. Apparti dan, illum għandna magħna realtà oħra ta' dinja globalizzata fejn rridu niffaċċjaw kompetizzjoni minn numru dejjem akbar ta' pajjiżi. Madanakollu, dan ma jibdel xejn mill-prinċipju ewlieni, li ilu li għaraf il-Partit Laburista, li fl-aħħar mill-aħħar pajjiżna jrid ikun mibni fuq ix-xogħol produttiv, permezz ta' gvern li jagħraf li juża bl-ikbar galbu w

effiċjenza r-riżorsi finanzjarji, umani w infrastrutturali li għandu, u b'viżjoni ċara li bih imexxi 'l quddiem il-pajjiż. Fl-aħħar mill-aħħar is-suċċess ta' pajjiż ma jiddependiex minn jekk hux membru jew le tal-UE jew ta' xi blokk politiku jew kummerċjali ieħor. Hemm pajjiżi barra l-UE li rrnexxew, bħall-Iżvizzera, u hemm pajjiżi membri tal-UE li qed jirnexxu wkoll, fosthom l-Iżvezja, d-Danimarka w l-Irlanda. Iżda hemm ukoll pajjiżi membri tal-UE li mhumiex sejrin tajjeb u qed jiffaċċjaw nuqqas ta' tkabbir ekonomiku u nuqqas ta' xogħol, bħal per eżempju l-Portugall u l-Italja. Dan kollu juri li fl-aħħar mill-aħħar mhux is-sħubija fl-UE li tagħmel id-differenza, iżda kemm il-gvern jagħraf kif imexxi bl-aħjar mod il-pajjiż sabiex jinċentiva l-investiment u x-xogħol. Barra minn hekk, is-suċċess li għamlu l-Isvezja w d-Danimarka juri wkoll li mhux veru li sabiex l-ekonomija timxi 'l quddiem irid jiżżarma l-*welfare state* għaliex dawn huma żewġ pajjiżi xempji fejn jezisti *welfare state* mill-aktar b'saħħtu.

## *Htieġa ta' pjan strateġiku b'viżjoni li tħares aktar fit-tul*

Matul dawn l-aħħar għaxar snin rajna r-rata ta' tkabbir ekonomiku ta' Malta tonqos b'mod drastiku minn madwar 6% fil-bidu tas-snin disgħin għal staġnar mill-2001 l'hawn, fejn l-ekonomija kibret biss b'medja ta' 0.1% fis-sena. Illum pajjiżna għandu bżonn pjan serju ta' qawmien ekonomiku w soċjali għaliex il-gvern Nazzjonalista huwa għal kollox nieqes minn strateġija, jew xi forma ta' pjan li joħroġ il-pajjiż minn dan l-istagnar. Illum jinħass sew il-bżonn ta' pjan strateġiku, li minbarra li jħares lejn il-problemi mmedjati li għandna, irid ukoll jagħti viżjoni aktar fit-tul. Dan irid isir billi ninvestu f'politika li ma tħarisx biss saċ-ċiklu elettorali, iżda li tagħti l-frott fil-*medium* u l-*long term,* billi minflok nillapazzaw, inwettqu soluzzjonijiet dejjiema għall-problemi li dan il-gvern ħoloq u ħallihom jifnu l-pajjiżna għal zmien twil wisq. Fost l-akbar problemi li għandna hemm in-nuqqas ta' taħriġ tekniku fil-ħiliet l-aktar mfittxija minn investituri potenzjali, numru relattivament żgħir ta' nies li għandhom ħiliet f'oqsma tekniċi w xjentifiċi, u rata baxxa ta' investiment fl-innovazzjoni, riċerka w żvillupp, kif ukoll burokrazija żejda.

## *Ħtieġa ta' rieda soda w ħidma koordinata biex pajjiżna jsir aktar kompettitiv*

Is-suċċess ta' dan il-pjan, kemm fit-tfassil u speċjalment fl-implimentazzjoni tiegħu, jiddependi fuq rieda soda u determinata ta' min imexxi l-pajjiż, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, u wkoll fuq ħidma koordinata w kollettiva sabiex ikollna pajjiż kompettitiv li jkun kapaċi jattira l-investiment u joħloq aktar ġid. Dan il-pjan jeħtieġ li jkun ta' prijorità assoluta għall-Gvern kollu kemm hu u ma nistgħux nibqgħu għadejjin bl-isparpaljar tar-riżorsi finanzjarji, umani w dawk kapitali bejn id-diversi ministeri, aġenziji u entitajiet governattivi. Għalkemm il-gvern

Nazzjonalista ħatar ministru responsabbli mill-kompettitività, dan ftit li xejn ħalla impatt pożittiv, speċjalment fil-funzjoni li tikkoordina w tgħaqqad it-truf kollha biex ikun żgurat li kulħadd qed jiġbed ħabel wieħed billi l-kwistjoni tal-kompettitività jagħmilha fuq nett fuq il-lista tal-prijoritajiet. Għaldaqstant, gvern ġdid Laburista jaħtar *Coordination Unit* inter-ministerjali li tkun tinvolvi wkoll rappreżentanza qawwija mill-*istakeholders* kollha bl-iskop li nagħmlu pajjiżna aktar kompettitiv.

## *Nilqgħu għall-isfidi ġodda li għandu quddiemu pajjiżna*

Illum, ir-riskji li xi ħadd jispiċċa ma jkunx f'pożizzjoni li jaqla' għajxien diċenti għall-familja tiegħu żdiedu. Ir-realtà ġdida tal-globalizzazzjoni u tal-liberalizzazzjoni ġabet magħha kompetizzjoni qalila u sfidi kbar li l-pajjiż irid ikun imħejji sew u attrezzat għalihom. Għalhekk, illum aktar minn qatt qabel, it-tmexxija tal-gvern trid tkun ferm aktar meqjusa u responsabbli għaliex altrimenti jkunu ħafna dawk il-familji li jkollhom jgħaddu minn żminijiet iebsin u diffiċli bħal dawk li għaddejjin minnhom illum minħabba n-nuqqas ta' xogħol produttiv u piż dejjem akbar ta' taxxi. Matul is-snin tant żdiedu l-piżijiet u l-ispejjeż għall-ħajja ta' kuljum, bħal mediċini, ikel, u propjetà għall-akkomodazzjoni, li saħansitra anki s-soċjetà u l-familja Maltija raw tibdil kbir fis-sura tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li l-popolazzjoni qed tgħix dejjem aktar, iġib miegħu sfidi ġodda għal pajjiżna. Dawn l-isfidi ġodda għal pajjiżna jeħtieġu l-ikbar sens ta' impenn mill-Gvern.

## *Il-prijoritajiet ta' Gvern ġdid Laburista*

**Għalhekk, fl-isfond ta' dan kollu, il-pjan ta' qawmien ekonomiku u soċjali hu msejjes fuq erba prijoritajiet:**

1. **Politika ekonomika li tinċentiva l-investiment u x-xogħol produttiv;**
2. **Sistema edukattiva li tiżviluppa r-riżorsi umani bl-aktar mod wiesa';**
3. **Politika soċjali li tbiegħed b'mod aktar effettiv ir-riskju tal-faqar;**
4. **Servizzi soċjali adattati għaż-żminijiet li qed ngħixu.**

# 1.
# POLITIKA EKONOMIKA LI TINĊENTIVA L-INVESTIMENT U X-XOGĦOL PRODUTTIV

## *Noħolqu l-ġid biex is-soċjetà tkun solidali ma’ minn jaqa’ lura fis-soċjetà*

Mira ewlenija tal-pjan strateġiku għal qawmien ekonomiku u soċjali ta’ pajjiżna hu li r-riżorsi ta’ pajjiżna jintużaw bl-aktar mod produttiv possibbli ħalli l-ġid meħtieg biex is-soċjetà tagħna ttejjeb il-livell tal-għajxien tagħha u tkun f’qagħda aħjar biex tkun solidali ma dawk li jkunu fil-bżonn. Għal partit bi twemmin soċjal-demokratiku bħal tagħna, politika li tagħti inċentivi għal tkabbir ekonomiku trid bil-fors timxi id f’id mal-ħarsien soċjali. Irridu għalhekk infittxu li nsolvu l-iżbilanċ fiskali w l-problemi li jġib miegħu dejn pubbliku eċċessiv bi spiża għolja ta’ imgħax fuq id-dejn, mingħajr ma nżarmaw il-*welfare state* u mingħajr ma ngħabbu aktar piżijiet ta’ taxxi fuq il-poplu kif qed jagħmel il-Gvern Nazzjonalista. Dan isir b’konsultazzjoni mim l-operaturi ekonomiċi u *trade unions* bil-għan li l-inizjattivi mressqa jkunu implimenatai b’mod effettiv u fi żmien determinat minn qabel.

## *B’mod maħsub innaqqsu dak li qed ixekkel l-investiment*

Bħala promotur tat-tkabbir tal-ġid ekonomiku f’pajjiżna, Gvern Laburista jara b’mod maħsub li jnaqqas dak kollu li jista’ jkun qed ixekkel lil kull settur milli jinvesti f’pajjiżna u juża r-riżorsi disponibbli bl-aktar mod li jrendi għall-pajjiż. Bi strateġija maħsuba li ġġib tnaqqis fl-iżbilanċ fiskali mingħajr ma jinħoloq żbilanċ soċjali, Gvern Laburista jrid jiżgura li r-riżorsi limitati tal-pajjiż jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibbli. B’hekk jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-ekonomija, tiżdied il-kompettitività, u jinħolqu aktar opportunitajiet għat-tkabbir ekonomiku u l-Gvern ikun f’qagħda aħjar biex itejjeb il-livell tal-edukazzjoni u taħriġ, l-infrastruttura, l-inċentivi lill-intrapriżi, is-saħħa, u s-solidarjetà soċjali.

## *Biex Malta tikkompeti teħtieġ livelli għolja ta’ kompetenza*

Pajjiżna jrid jkun imħejji bis-sħiħ għall-isfidi preżenti u tal-ġejjieni, ewlenin fosthom il-kompetizzjoni għall-investiment u l-kummerċ barrani. Irridu nkunu aktar imħejjija fil-ħiliet u fl-edukazzjoni teknika tal-ħaddiema tagħna sabiex inkunu kapaċi nidħlu f’oqsma li jħallu valur miżjud aktar għoli li jagħtu dħul akbar għall-ħaddiema u l-imprendituri, bħal dawk ġenerati mill-avvanzi teknoloġiċi, speċjalment fil-kamp tal-informatika u tal-komunikazzjoni. Biex

nikkompetu f'ekonomija globali li qed tinbidel il-ħin kollu minħabba l-iżvilupp mgħaġġel ta' t-teknoloġija, Malta trid tilħaq livelli ta' kompetenza għolja kemm fil-qasam tal-manifattura kif ukoll tas-servizzi li jkollhom valur miżjud għoli. Biex dan iseħħ jeħtieġ investiment fl-edukazzjoni, fir-riċerka xjentifika applikata u fl-innovazzjoni.

**Quddiem dan kollu, permezz tal-pjan għall-qawmien ekonomiku u soċjali, il-Partit Laburista jrid:**

## *Valur aħjar għan-nefqa tal-gvern*

- Trid tigi miflija bir-reqqa is-sitwazzjoni finanzjarja reali tal-pajjiż u il-mod kif qed jintefqu flus il-poplu. Irridu naraw eżattament jekk għallflus li qed jonfoq il-gvern, il-poplu hux qed jieħu lura valur tajjeb għat-taxxi li ħallas. L-importanti mhux kemm qed tiżdied l-ispiża tal-Gvern f'ċerti oqsma vitali bħas-saħħa u l-edukazzjoni, iżda kemm hi effettiva din l-ispiża. Hekk pereżempju, filwaqt li l-ispiża tal-Gvern għas-saħħa u għall-edukazzjoni f'dawn l-aħħar 20 sena żdiedet b'ħames darbiet (minn Lm21 miljun fl-1985 għal Lm112 il-miljun fl-2003 għas-saħħa u minn Lm20 miljun fl-1985 għal Lm106 miljun fl-2003 għall-edukazzjoni), fl-istess żmien twalu l-*waiting lists* għall-operazzjonijiet, qed jiżdiedu s-sodod tal-pazjenti fil-kuriduri, u pazjenti fl-isptar jiġu mġegħela jixtru l-mediċina minn spiżeriji privati minħabba nuqqas fl-ispiżerija tal-gvern. Anki fis-sistema ta'l-edukazzjoni hemm riżultati inkwetanti, fosthom li pajjiżna għandu l-ogħla rata fl-UE ta' illitteriżmu, ta' *early school leavers*, u l-iktar rata baxxa ta' żgħażagħ li lestew edukazzjoni sekondarja għolja, li jibqgħu jingħataw xi forma ta' taħriġ wara li jkunu spiċċaw l-edukazzjoni sekondarja, u ta' studenti li ggradwaw fl-inġinerija, informatika u xjenza.

## *Jitnaqqas l-isparpaljar u l l-ħela esaġerata fl-infieq pubbliku*

- Il-problemi kroniċi fil-kontijiet tal-Gvern ġejjin l-aktar minħabba iż-żieda qawwija minn sena għall-oħra fin-nefqa rikurrenti w tnaqqis għal dak li huwa infieq kapitali. Bħala eżempji ta' x'qed jikkontribwixxi l-aktar għal ħela u sparpaljar ta' fondi pubbliċi wieħed jista' jsemmi:

    1. l-ispejjes fuq strutturi, entitajiet u konsulenti għal xogħol li qabel kien isir minn dipartimenti tal-gvern, u li jaqdu funzjonijiet li mhumiex daqstant ta' prijorità fis-sitwazzjoni preżenti tal-pajjiż;
    2. l-ispejjeż doppji li qed iħallas il-Gvern għal xogħol li qabel kien isir mill-ħaddiema tiegħu u li issa qed isir mill-privat, filwaqt li l-Gvern baqa' jħallas xorta waħda lill-impjegati tiegħu;
    3. dawk il-proġetti li jiġu stmati tant u l-ispiża għalihom tispiċċa

tisplodi l-fuq matul is-snin, apparti li jispiċċaw jieħdu żmien ferm aktar minn dak maħsub biex jitlestew, bħall-isptar Mater Dei, il-mollijiet taċ-Ċirkewwa, it-terminal ta’ l-Imġarr Għawdex, eċċ.

## *Aktar razzjonalizzazzjoni fl-istrutturi pubbliċi biex tinqata’ l-burokrazija żejda*

- Filwaqt li jrid jinqata’ l-isparpaljar u il-ħela f’infieq li mhux irendi għal pajjiż, trid tinqata’ wkoll id-duplikazzjoni tax-xogħol u ta’l-ispejjeż, u l-fragmentazzjoni li nħolqot bil-ħafna awtoritajiet u fondazzjonijiet li ġew imwaqqfa. Pajjiż żgħir bħal Malta ma jiflahx finanzjarjament li jikkopja dak li hemm f’pajjiżi ferm akbar minna. Għalhekk għandna nutilizzaw aħjar r-riżorsi umani b’mod li l-amministrazzjoni pubblika tkun aktar orjentata lejn l-effiċjenza u kompetenza bi spiża anqas.

## *Aktar kontabbilità, responsabbiltà u trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika*

- L-amministrazzjoni pubblika tittrasforma ruħha fi struttura moderna fejn il-ministri w il-kapijiet tad-dipartimenti jrid ikollhom pjan b’għanijiet ċari, miri ffukati, u kif se titkejjel l-effiċjenza li biha jwettqu d-dmirijiet tagħhom. Irid jiżdied is-sens ta’ dover, serjetà u viżjoni ffukata fuq kif il-pubbliku jista’ jiġi moqdi tajjeb bl-aħjar użu tar-risorsi pubbliċi fdati f’idejn id-dipartiment ikkonċernat. Il-funzjonijiet, l-għanijiet u l-miri ta’ kull dipartiment iridu jkunu ċari f’moħħ kull impjegat. M’għandiex tiġi tollerata aktar is-sitwazzjoni fejn il-Gvern jidħol għal proġetti kapitali ġodda mingħajr ma jkun ġie aċċertat bl-eżatt kemm dawn ser jiġu jiswew u kemm ser ikunu ta’ utilità għall-pubbliku sabiex jingħata servizz aħjar. Fl-istess ħin irridu nagħtu futur aħjar lill-impjegati tal-Gvern li bħalissa huma mpinġijin minn xi wħud bħala xi parassiti u piż fuq is-soċjetà. Ċertament li mhux tort tal-ħaddiema tal-Gvern li ninsabu fis-sitwazzjoni mwegħra tal-lum, iżda din l-impressjoni hi frott ta’ min ma għarafx kif għandhom jitmexxew ir-riżorsi tal-pajjiż u kif għandhom jiġu utilizzati aħjar l-impjegati tal-Gvern. Għalhekk Gvern Laburista jisħaq fuq il-kunċett tal-kontabbiltà, ir-responsabbilità personali u t-trasparenza fil-ħidma tiegħu li għandu jġorr kull uffiċjal pubbliku. Għal dan il-għan, għandha tigi mħaddma wkoll is-sistema ta’ *accrual accounting* sabiex ikunu magħrufa l-kontijiet pendenti ta’ kull dipartiment u agenzija pubblika u b’hekk kull uffiċjal pubbliku fdat mill-amministrazzjoni finanzjarja jkun jista’ jagħti rendikont aktar veritjier ta’ l-infieq li jkun ġie awtorizzat. Dan jiġi mwettaq biex nagħmlu iktar bi spiża anqas.

## *Amministrazzjoni pubblika li tmexxi b'għaqal ir-rizorsi kollha fdati f'idejha*

- It-tħaddim tal-prinċipju ta' *good governance* huwa essenzjali fl-amministrazzjoni pubblika. Bħalma ċ-ċittadini għandhom dan id-dritt f'dik li hija amministrazzjoni tal-fondi ta'l-UE, bl-istess mod iċ-ċittadin Malti għandu jkollu dan id-dritt għall-amministrazzjoni tajba w għaqlija fit-tmexxija tar-riżorsi finanzjarji, umani w assi oħra pubbliċi li jkun rikonoxxut mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Għaldaqstant, irid isir skrutinju kontinwu mill-Awditur-Ġenerali fin-nefqa għall-proġetti kapitali biex jiġi żgurat li l-Gvern iżomm mal-istimi proġettati minnu. Hekk kif tinqabeż l-ispiża proġettata tal-kuntratt, u persentaġġ raġonevoli bħala kontinġenza, dan il-mekkaniżmu ta' skrutinju mill-Awditur-Ġenerali għandu jiskatta mmedjatament. Għandu jsir awditjar bir-reqqa dwar l-operat tal-ministeri, dipartimenti u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-ispiża pubblika fejn qed jiġu sparpaljati flus il-poplu b' *allowances* esaġerati, infieq f'safar, karozzi u konsulenzi, li ta' dan l-infieq kollu l-poplu qed jieħu lura ftit li xejn.

## *L-interess nazzjonali w il-privatizzazzjoni*

- Il-privatizzazzjoni m'għandix issir f'dawk l-oqsma li għad għandhom valur strateġiku għall-ekonomija tal-pajjiż. Fejn għandha issir il-privatizzazzjoni, trid issir b'aktar serjetà u trasparenza sabiex fil-bejgħ ta' azjendi pubbliċi jiġu mħarsa kemm l-interessi tal-ħaddiema ta' dawn l-azjendi u tal-pubbliku b'mod ġenerali. Filwaqt li l-mira ewlenija għandha tkun li permezz tal-privatizzazzjoni tiġi żgurata żieda fl-effiċjenza, li jistgħu jiġu wkoll minn alleanzi strateġiċi, irid ikun żgurat ukoll li d-dħul mill-bejgħ ikun il-massimu possibbli. Barra minn hekk, id-dħul mill-privatizzazzjoni m'għandux imur direttament fid-dħul ordinarju tal-Gvern biex sempliċiment jiffinanzja l-ispiża rikurrenti tal-Gvern.

## *Aktar effiċjenza fil-ġbir tat-taxxi*

- Il-ġbir tat-taxxi għandu jsir b'aktar effiċjenza w b'iżjed ekwità, b'mod li ma jkunx ta' ostaklu għat-tkabbir ekonomiku u bl-għan aħħari li eventwalment jonqos ukoll il-piż tat-taxxi. Sistemi bħal tal-*benchmarking* għandhom jitħaddmu b'mod aktar realistiku li jkun ġust ma' kulħadd. Madanakollu, f'sitwazzjoni fejn mhux iktar minn 600 persuna jiddikjaraw aktar minn Lm16,000 bħala dħul, u fejn aktar minn terz tat-taxxa tad-dħul dovuta għadha mhix qed titħallas minn min suppost, iridu jiġu ntensifikati l-isforzi biex tiġi mrażżna l-evażjoni fiskali u ma jitkomplix jintefa' aktar piż fuq minn diġà qed jagħti s-sehem ġust tiegħu permezz tat-taxxi li jħallas biex isostni

n-nefqa tal-Gvern. Mingħajr tnaqqis fl-evażjoni tat-taxxa, sistemi ta’ servizzi soċjali bbażati fuq *means testing* iwasslu għal ingustizzji doppji ma’ dawk kollha li jħallsu t-taxxi kollha dovuti. L-effiċjenza fil-gbir ta’ taxxa trid tkun kumplimentata bi tnaqqis fin-nefqa publika u titjib fl-effiċjenza tal-amministazzjoni pubblika bil-għan aħħari li naslu biex innqasu l- piż tat-taxxa.

## *Rappresentanza aktar effettiva fi Brussel u istituzzjonijiet Ewropej*

- Ir-rappreżentanza ta’ Malta fi Brussel u fl-istrutturi u fl-istituzzjonijiet Ewropej trid tkun aktar effettiva fil-missjoni tagħha li taħtaf l-opportunitajiet kollha possibbli ta’ finanzjament minn programmi ta’ l-UE, kemm permezz ta’ għajnuna finanzjarja diretta, trasferiment ta’ *know-how* u anki ta’ teknoloġija u riżorsi. Barra minn hekk, ir-rappreżentanza ta’ Malta fi Brussel trid mhux biss sempliċiment tattendi laqgħat li jsiru mal-Kummissjoni Ewropeja, iżda trid tkun ukoll ta’ servizz lill-imsieħba soċjali billi tiddjaloga u tinfurmhom b’dak li jkun għaddej u li jista’ jkun relevanti għall-operaturi u *trade unions* Maltin u Għawdxin, u wkoll jiġbru l-veduti ta’ dawn l-organizzazjonijiet dwar l-*issues* diskussi sabiex jittieħdu pożizzjonijiet li jkunu fl-aħjar interess tal-pajjiż.

**Filwaqt li biex jitkattar il-ġid ekonomiku rridu nagħmlu lill-pajjiżna aktar kompetittiv mingħajr ma nħottu l-istat soċjali, jeħtieġ niżguraw li l-intrapriżi ġewwa pajjiżna jingħataw nifs ġdid u nattiraw forzi produttivi ġodda. Għalhekk jehtieg:**

## *Inċentivi biex nerġgħu inqajjmu s-setturi produttivi ta’ pajjiżna*

- L-industrija tal-manifattura trid terġa’ tingħata l-importanza li tixirqilha bħala wiehed mill-muturi ewlienin ta’ l-ekonomija ta’ dan il-pajjiż. Barra minn hekk irridu nkattru wkoll l-industrija tas-servizzi, speċjalment dawk relatati mal-informazzjoni teknologika w komunikazzjoni kif ukoll finanzjarji, permezz ta’ investiment ġdid. Il-pakkett ta’ inċentivi li tipprovdi l-Malta Enterprise dalwaqt jiskadi minħabba li f’inqas minn 3 snin oħra jagħlaq il-perjodu ta’ transizzjoni li ikkonċedit l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-pakkett eżistenti mhux qed ikun effettiv biżżejjed għax huwa bbażat wisq fuq inċentivi fiskali. Għalkemm ir-rata ta’ tassazzjoni hi fattur importanti għall-investituri kemm barranin u dawk lokali meta jiġu biex jieħdu deċizjoni f’liema pajjiż ser iwaqqfu n-negozju tagħhom, wieħed irid joqgħod attent li ma jistrihx biss fuq dan l-inċentiv għaliex dan ġeneralment jattira dawk it-tip ta’ nvestituri li ma jippjanawx għal investiment fit-tul iżda jiġu

biss għal żmien qasir biex japprofittaw sa kemm jibqgħu jgawdu mill-konċessjoni ta' xi *tax holiday*. Fir-realtà hemm fatturi oħra li huma wkoll ferm importanti w determinanti meta investituri serji jiġu biex jieħdu deċizjonijiet ta' f'liema pajjiż ser joperaw in-negozju tagħhom, għaliex inċ entivi bbażati esklussivament fuq eżenzjonijiet mit-taxxa mhumiex daqstant effettivi għal investiment ġdid peress li fl-ewwel snin ta' proġett dan ġeneralment ftit li xejn jiġġenera qliegħ. Għaldaqstant, il-pakkett ta' inċentivi li joffri Gvern Laburista jrid ikun immirat lejn dak li jwassal tassew investitur biex jiddeċiedi jiftah in-negozju tiegħu f'pajjiż u mhux iehor, u jrid jinkludi:

i. ħaddiema mħarġin f'ħiliet tekniċi li l-azjendi jkollhom bżonn;
ii. inċentivi biex jiġu mħarrġa impjegati fuq il-linja tal-produzzjoni;
iii. aċċess akbar għall-finanzjament ta' proġetti industrijali, bħal *venture capital, seed capital* eċċ;
iv. inċentivi għall-riċerka, innovazzjoni u viluppġ
v. fabbriki moderni b'kera li ma jkunx għolja bħal kirjiet li qed jinħarġu llum u użu aħjar ta' l-propjetà fl-oqsma industrijali tal-gvern;
vi. infrastruttura moderna;
vii. burokrazija mill-anqas biex jitqassar bil-bosta t-telf ta' żmien, speċjalment matul il-proċess ta' l-applikazzjoni w *screening*;
viii. liġijiet stretti li jipprotegu b'mod qawwi *patents, trademarks* u *copyrights*, kif ukoll infurzar effettiv ta' dawn il-ligijiet;
ix. aktar effiċjenza fil-qrati li jistgħu jiggarantixxu ġustizzja aktar f'waqtha f'każ ta' kwistjonijiet legali;
x. aktar kontabilità minn entitajiet u uffiċjali pubbliċi;
xi. tmexxija bil-galbu fil-finanzi pubbliċi w fl-amministrazzjoni tal-pajjiż li jwassal għal aktar stabilità ekonomika w finanzjarja fil-pajjiż;
xii. pajjiż li joffri kwalità tajba ta' ambjent u ħajja għall-investitur barrani u l-familja tiegħu.
xiii. Relazzjonijiet industrijali aktar stabbli.

## *Nikkontrollaw aħjar l-inflazzjoni*

- Minkejja l-wegħdi fiergħa tan-Nazzjonalisti, bit-tneħħija tal-levies b'kollox, il-prezzijiet komplew jirrankaw 'il fuq, tant li r-rata ta' l-inflazzjoni żdiedet u hija fost l-ogħla fl-UE. Ma jistax ikun li l-prezzijiet f'pajjiżna jkomplu jiżdiedu b'rata li tiżboq il-livelli ta' prezzijiet li wieħed isib f'pajjiżi sinjuri ferm aktar minna. Jeħtieġ għalhekk li jkollna poliċy ta' kompetizzjoni attiva bil-ħarsien tal-konsumatur bħala l-għan ewlieni tagħha li xxejjen il-monopolji u prattiċi restrittivi li qed b'mod esaġerat l-ispejjeż għall-industrija u għall-konsumatur Malti u Għawdxi. Għalhekk għandha titnaqqas il-burokrazija u

tissaħħaħ l-effiċjenza biex tikkontrolla l-ispiża kawżata mill-Gvern stess. Kull liġi eżistenti u ġdida għandha tiġi miflija bir-reqqa għall-impatt tagħha fuq il-il-kompettività tas-settur milqut u l-ispejjeż tal-produzzjoni.

## *Ristrutturazzjoni b'mod maħsub*

- Biex ir-ristrutturar ikun suċċess irid isir b'mod meqjus u maħsub sew sabiex nimminimizzaw l-effetti negattivi li jista' jkollu dan il-proċess fuq ħaddiema li huma impjegati f'ċerti setturi li ma jibqgħux kompettitivi. Biex it-tbatija tkun mill-inqas, għandhom jigu introdotti inċentivi temporanji lil kull min jixtieq iħaddem nies li jkunu tilfu l-impjieg iżda ma jkollhomx il-ħiliet neċessarji. Fl-istess waqt irridu wkoll mill-ewwel nimbarkaw fuq programm ta' inċentivi lil-ħaddiema industrijali sabiex dawn ikomplu jipparteċipaw fi programmi intensivi ta' taħriġ u edukazzjoni sabiex ma jsibuhiex daqshekk diffiċli biex jaddattaw irwieħom maż-żmienijiet, speċjalment minħabba l-iżvilupp teknologiku li għaddejja minnu l-industrija tal-manifattura u dik ukoll tas-servizzi. Ma jagħmilx sens li filwaqt li ċerti intrapriżi jagħlqu minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta'  effiċjenza jew kompettitività, fl-istess ħin il-ħaddiema milquta jispiċċaw jagħmlu żmien twil jirreġistraw għax ma jkollomx il-ħiliet u t-taħriġ meħtieġ, jew għax ma jinholoqx xogħol ieħor minħabba nuqqasijiet biex nattiraw investiment ġdid li jieħu post dak li jkun spiċċa. Barra minn hekk, sabiex nużaw ir-riżorsi umani tal-pajjiż bl-aktar mod produttiv, għandu jkun hemm aktar informazzjoni fost iż-żagħżagħ Maltin u Għawdxin, li jkunu waslu fil-punt li jagħżlu l-ħiliet tagħhom għad-dinja tax-xogħol, dwar liema snajja joffru l-aħjar possibilitajiet ta' impjieg jew negozju, b'remunerazzjoni tajba. Għalhekk, bħala parti ntegrali mill-pakkett ta' nċentivi li joffri Gvern Laburista lill-intrapriżi, dan ikun jinkludi wkoll għajnuna speċifikament għar-ristrutturar.

## *Nifs ġdid lill-industrija tat-turiżmu*

- Biex is-settur turistiku jieħu r-ruħ hemm bżonn ta' pjan strateġiku ppjanat u maħdum mas-setturi kollha kkonċernati. Is-settur privat għandu jiġi mħeġġeg jinvesti biex jgħola l-livell ta' kull kategorija ta' lukandi u servizzi oħra turistiċi biex nattiraw firxa usa' ta' turisti. Iżda l-akbar prijorità hi li rridu ntejjbu l-livell tal-prodott jismu 'Malta' kollu kemm hu. L-Air Malta, il-mezzi kollha tat-trasport, l-ambjent, l-indafa pubblika, tniġġiż fil-baħar, *customer care*, kif nieħdu ħsieb il-mużewijiet u siti kulturali, *landscaping* u l-istat tat-toroq jagħmlu kollha parti mill-prodott turistiku, li bla dubbju jħallu impatt dirett fuq l-andament ta' dan is-settur hekk importanti għal pajjiżna. Kif intqal aktar qabel jeħtieġ li titwaqqaf *task force* interministerjali li jkollha l-ħeġġa u rieda soda u determinata li taqdi l-funzjoni li tikkoordina u tgħaqqad

it-truf bl-għan aħħari li l-prodott turistiku jiġi mtejjeb sostanzjalment u jkun aktar kompettitiv ħalli niġbdu lejn Malta turisti li jħallu aktar qliegħ. Barra minn hekk, l-Awtorità tat-Turiżmu għandha tikkollabora aktar mas-setturi kollha f’dan il-qasam u trid tkun aktar iffukata fuq strategija ta’ *marketing* li tippromwovi l-aktar dak li jagħmel lill-pajjiżna uniku w differenti minn pajjiżi oħra.

## *Niżviluppaw is-settur tas-servizzi*

- Pajjiżna jrid isir ċentru ta’ servizzi. Għandna potenzjal kbir fl-oqsma tal-informatika, servizzi finanzjarji, servizzi mediċi u trasport ta’ merkanzija. Iżda rridu nindirizzaw il-ħidmiet tagħna sabiex aktar nies jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom f’dawn l-oqsma sabiex inkunu nistgħu nattiraw iktar investiment barrani u xogħol, permezz ukoll ta’ arranġamenti speċjali ma pajjiżi ġirien fl-Afrika ta’ Fuq, u fil-Lvant Nofsani. B’mod partikolari Gvern Laburista jagħti spinta lis-settur tas-servizzi finanzjarji permezz ta’ strutturi legali, regolatorji u fiskali li jagħmluna aktar kompettitivi f’dan is-settur.

## *Politika li tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċjali ta’ Għawdex*

- Minbarra dawk il-fatturi li b’mod ġenerali qed ixekklu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta’ pajjiżna, Gvern Laburista jindirizza dawk iċ-ċirkostanzi speċifiċi bħall-insularità doppja li qed ikomplu jżidu l-iżvantaġġ għall-gżira ta’ Għawdex u għar-residenti tagħha, b’mod speċjali fil-ħolqien ta’ xogħol ġdid u tkabbir ta’ l-attività ekonomika. Filwaqt li jaħdem fuq inċentivi aktar effettivi bl-iskop li jġib lill-imprendituri li joperaw minn Għawdex fuq l-istess livell ma’ dawk li joperaw minn Malta għal dawk li huma spejjeż ta’ produzzjoni, Gvern Laburista permezz ta’ inċentivi, jinkoraġġixxi li jitwaqqfu f’Għawdex attivitajiet ta’ servizzi bbażati fuq l-informatika u t-teknoloġija, bħal *call centres*, li ma jirrikjedux ġarr ta’ materja prima u merkanzija. Tingħata attenzjoni speċjali lill-artiġġjanat (inkluż prodotti lokali tipiċi tal-biedja) li apparti li jista’ jabbina tajjeb anki ma’ setturi oħrajn bħall-agri-turiżmu, jista’ jiġi wkoll mgħejjun direttament permezz ta’ fondi mill-Unjoni Ewropea. Tingħata wkoll importanza primarja biex jissaħħu l-mezzi ta’ trasport bejn Malta u Għawdex.

## *Nifs ġdid għat-turiżmu f’Għawdex*

- Fit-turiżmu għandhom jiġu msaħħa dawk il-fatturi li fihom Għawdex jista’ jgawdi vantaġġ bħala destinazzjoni turistika distinta minn dik ta’ Malta – il-ħarsien ta’ l-ambjent rurali, il-pajsaġġ w il-kampanja, il-wirt storiku, l-indafa tal-baħar, u l-paċi u t-trankwilità li joffri. Jiġu żviluppati aħjar niċċeċ fejn

Għawdex jista' jeċċella bħal ma hija dik tad- *diving*. Gvern Laburista jaħdem fuq proġetti mal-privat bl-intenzjoni li jikbru l-faċilitajiet turistiċi bħal jott marinas b'mod tali li ma jiġix disturbat dak kollu msemmi hawn fuq li minnhom innifishom huma l-akbar attrazzjonijiet li għandu Għawdex bħala destinazzjoni turistika. Gvern Laburista jippromwovi aktar it-turiżmu intern lejn Għawdex

# 2.
# SISTEMA EDUKATTIVA LI TIŻVILUPPA R-RIŻORSI UMANI AĦJAR

## *Gvern li jiffaċilita l-ħolqien tal-ġid ekonomiku*

Gvern Laburista fir-rwol tiegħu ta' promotur li jiffaċilita t-tkattir tal-ġid ekonomiku f'pajjiżna, irid kontinwament ifittex li jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju biex kull minn irid jaħdem biex ikattar il-ġid, kemm bħala imprenditur jew bħala impjegat, ikun jista' jagħmel dan bl-inqas xkiel.

## *Investiment akbar fit-tahrig vokazzjonali biex intejjbu l-hiliet tal-ħaddiema*

Biex jitkabbar il-ġid ekonomiku huwa meħtieġ li jkollna imprendituri li jagħrfu jaħtfu l-opportunitajiet li jista' joffrielhom kemm is-suq lokali u anki dak internazzjonali. Huwa meħtieġ ukoll li jkollna livell għoli ta' taħriġ vokazzjonali fil-ħaddiema tagħna, li kemm jista jkun jantiċipa x'se jkunu l-ħilijiet meħtiega mir-riżorsi umani li nvestituri potenzjali jkollhom bżonn. Is-suċċess eknomiku ta' pajjiżna għall-futur jiddependi minn kemm se ninvestu, kemm bħala Gvern u anki bħala settur privat, f'ħaddiema li jkollhom livell ta' taħriġ għoli, u mill-ħila tan-negozji u l-ħaddiema infushom li jadattaw rwieħom għat-tibdil kontinwu li jseħħ fis-suq globali, partikolarment fid-dawl tal-iżvilupp mgħaġġel li qed iseħħ fit-teknoloġija. Mingħajr ġid ekonomiku, maħluq mix-xogħol u l-intrapriża ma jistax ikollna sistemi b'saħħithom ta' solidarjetà soċjali. Mingħajr bażi produttiva soda, pajjiżna ma jkunx jista' jsostni l-ġustizzja soċjali li tagħtina dinjità bħala poplu. Huwa propju minħabba f'hekk li rridu nagħtu opportunità lil kulħadd biex ikun jista' jieħu sehem fil-proċess tal-ħolqien tal-ġid f'dan il-pajjiż. Dan il-għan ma jintlaħaqx mill-llum għal għada, għax jieħu ż-żmien biex tgħolli l-kwalità tal-ħaddiema disponnibbli fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk ix-xogħol li

għandna quddiemna f’dan il-qasam hu wieħed kbir meta wieħed jara r-riżultati negattivi li għandu pajjiżna fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali u ta’ l-edukazzjoni, żewġ fatturi ewlenin li jaffettwaw direttament il-potenzjal ta’ pajjiżna biex jiġbed lejh investiment barrani ġdid.

## *Taħrig kontinwu biex il-ħaddiema jadattaw għal ħtiġijiet ġodda fis-suq tax-xogħol*

Qatt daqs illum ma kien hawn ħtieġa għal żieda qawwija fl-investiment għat-taħriġ u għall-edukazzjoni vokazzjonali. F’ekonomija moderna huwa essenzjali li l-ħaddiem jiġi mħarreġ kontinwament biex ikun flessibbli u jagħraf jadatta għal ħtiġijiet ġodda fid-dinja tax-xogħol. Dan kollu huwa meħtieġ biex pajjiżna jagħmel qabża fil-kwalità tal-produzzjoni tiegħu u nkunu aktar innovattivi kemm fil-prodotti kif ukoll fil-mod kif nipproduċuhom. Irridu nibnu kapaċità li matul iż-żmien inbiddlu għal prodotti u servizzi ta’ kwalità aktar għolja li jsarrfu f’valur miżjud dejjem akbar sabiex inkattru l-ġid ekonomiku. Dan huwa meħtieġ biex niġġeneraw impiegi ġodda biex jagħmlu tajjeb għal dawk li jintilfu, nżommu l-kompetittività tax-xogħol tagħna, u nżidu l-livell tal-pagi li għandna sabiex ngħollu l-livell tal-għixien. Jekk il-ħaddiema tagħna ma jkunux armati b’ħiliet tekniċi u vokazzjonali għaż-żminijiet ta’ llum u għada, ma nistgħux naspiraw li nattiraw investiment li jrendi pagi għoljin.

**Għalhekk Gvern Laburista, permezz ta’ pjan għal qawmien ekonomiku w soċjali, irid jiżgura:**

## *Tisħiħ fl-iskejjel tal-kindergarten, primarji, sekondarji u skejjel sekondarji vokazzjonali*

- Il-problema tal-illitteriżmu u *early school leavers* ġejja mill-fatt li jeżistu nuqqasijiet fis-sistema edukattiva kemm fil-livell primarju kif ukoll f’dak sekondarju. Għalhekk, irid ikun hemm tisħiħ fis-sistema edukattiva sa mill-*kindergarten*, fl-iskejjel primarji u sekondarji fejn irid jiġi mġedded il-*curriculum* sabiex niżguraw li dan ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet tad-dinja tax-xogħol tal-llum u għada b’enfasi partikolari fuq suġġetti tax-xjenza u t-teknoloġija bħala waħda mill-*basic skills* sa mill-ewwel snin ta’ l-iskola. Jitwaqqfu ukoll skejjel sekondarji vokazzjonali b’enfasi fuq tagħlim prattiku (*learning by doing*) f’oqsma bħall-informatika, inginerija bazika, *catering*, studji turistiċi, kostruzzjoni u biedja. Barra minn hekk, kemm fil-livell primarju kif ukoll f’dak sekondarju, iridu jingħataw aktar spazju għal sistemi li jixprunaw il-kreattività fost it-tfal. Irridu wkoll nintroduċu sistemi li jinċentivaw lill-istudenti u l-ġenituri tagħhom sabiex jiżguraw li t-tfal ma

joħorġux kmieni mis-sistema edukattiva. Jeħtieġ ukoll li jissaħħu s-sistemi biex jiġu identifikati minn kmieni u mgħejjuna dawk it-tfal li għal xi raġuni jew oħra jkollhom diffikultajiet fit-tagħlim.

## *Riżorsi umani imħarrġin f'ħiliet u snajja tekniċi ta' livell għoli*

- Is-sistema ta' l-edukazzjoni trid tantiċipa kemm jista' jkun x'se jkunu l-bżonnijiet futuri ta' l-imprendituri, kemm dawk lokali kif ukoll dawk barranin, għal dawk li huma l-ħiliet u snajja tekniċi ta' r-riżorsi umani. Il-Gvern għandu jieħu dawk il-miżuri li jagħtu inċentivi akbar li jħeġġu lill-istudenti jagħżlu korsijiet f'oqsma ta' studju li pajjiżna se jkollu l-aktar bżonn fil-futur immedjat, b'mod partikolari suġġetti tax-xjenza, relatati mal-oqsma ta' l-informatika, it-teknoloġija, l-inġinerija u dik farmaċewtika. Pajjiżna jeħtieġ ukoll aktar esperti u nies tekniċi f'dawn l-oqsma biex ikun jista' jissaħħaħ il-proċess ta' l-innovazzjoni, li huwa l-bażi ta' ekonomija moderna. Dan il-proċess irid ikun ippjanat b'mod tali li jinkludi is-saffi kollha tas-sistema edukattiva, mill-livell primarju l-fuq.

## *Skemi biex jitnaqqas il-qgħad fit-tul*

- Il-qgħad fit-tul joħloq segregazzjoni soċjali u nuqqas ta' dinjità għall-persuni f'din is-sitwazzjoni. F'dan ir-rigward Gvern Laburista filwaqt li jibqa' jagħti l-għajnuna soċjali lil min ġenwinament ma jirnexxilux isib xogħol, fl-istess waqt joħloq l-iskemi meħtieġa biex jiġu mħarrġa f'oqsma fejn ikun hemm id-domanda għax x-xogħol u jingħataw inċentivi sabiex jirsistu biex isibu xogħol produttiv.

## *Jeħtieġ Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ li taħdem aktar fil-qrib ma l-industrija*

- Biex il-kwalità tar-riżorsi umani titjieb jeħtieġ Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) rinnovata u aktar dinamika, li tagħti servizz aħjar lill-klijenti tagħha u li tkun integrata sew fl-istrateġiji ta' dan il-pjan għall-qawmien ekonomiku u soċjali. L-ETC trid taħdem aktar fil-qrib ma' l-industrija u l-*Malta Enterprise* sabiex jiġu identifikati l-ħiliet li jeħtieġu l-ħaddiema biex l-intrapriżi tal-pajjiż ikunu jistgħu jespandu jew jinfetħu oħrajn ġodda. Dan id-djalogu jrid isir ukoll sabiex jistgħu jiġu identifikati korsijiet relevanti li jagħtu taħriġ kontinwu lill-ħaddiema li jkunu għadhom fl-impjieg. Barra minn dan, l-ETC ukoll trid ixerred informazzjoni fost studenti fi skejjel sekondarji u post-sekondarji dwar liema huma l-ħilijiet li jrendu l-aktar fid-dinja tax-xogħol u f'liema setturi hi antiċipata li se tkun l-aktar qawwija d-

domanda għax-xogħol fil-futur, sabiex igħinu lill-istudenti jagħmlu għażla nfurmata meta jiġu biex jgħazlu liema karriera ser jaqbdu. Biex l-ETC tkun f’pożizzjoni aħjar biex taqdi l-*core functions* tagħha għal dak li hu taħrig, eventwalment il-funzjonijiet tagħha f’dak li huwa infurzar tal-liġi fil-qasam ta’ l-impiegi għandhom jigu trasferiti lura lid-dipartiment tax-xogħol.

## *Aktar riżorsi w prijorità lill-MCAST*

- Il-Kulleġġ Malti tax-Xjenza, Arti u Teknoloġija (l-MCAST), bħala ċentru għall- edukazzjoni u taħrig vokazzjonali u professjonali li jaqdi l-bżonnijiet ta’ l-individwu u ta’ l-ekonomija, jingħata aktar importanza minn Gvern Laburista kemm f’dawk li huma riżorsi u anki f’dik li hija spinta u sens ta’ prijorità fil-ħidma tal-Gvern. F’dan il-proċess ikunu msieħba mal-Gvern rappreżentanti ta’ l-operaturi eknomiċi. Anki t-tarzna bħala ċentru ta’ taħrig fl-edukazzjoni teknika applikata għandha tingħata l-importanza kollha li jixirqilha. Jittieħdu wkoll il-passi kollha meħtieġa biex iż-żgħażagħ kollha li jridu jsegwu korsijiet ta’ l-MCAST jingħataw kull opportunità li jagħmlu dan u għandhom jigu allokati r-riżorsi kollha meħtieġa biex dan l-għan jintlaħaq.

## *L-Università trid tiżviluppa aktar ir-rwol tagħha ta’ ċentru ta’ riċerka u żvilupp*

- L-Università għandha tkun aktar pro-attiva u turi aktar sens ta’ inizjattiva fir- rigward tar-realtajiet ta’ madwarha u l-isfidi ekonomiċi li għandu l-pajjiż fil-ġejjieni mmedjat. Dan trid tagħmlu billi tiżviluppa rabtiet diretti mas-setturi ekonomiċi kollha biex tagħraf x’inhuma l-ħtiġijiet tagħha, u billi ssir ċentru ta’ riċerka, żvilupp u nnovazzjoni li jgħin biex tisseddaq il-kompettitività ta’ pajjiżna. Għaldaqstant, il-finanzjament tal-università jrid ikun ukoll marbut mhux biss ma t-tagħlim akkademiku, iżda wkoll ma’ xogħol ta’ riċerka ta’ kwalità u ta’ livell internazzjonali. B’mod ġenerali l-istudenti jiġu mħarrġa biex ikollhom ħiliet imprenditorjali. L-Univeristà tkun dejjem aġġornata mal-bżonnijiet tal-pajjiż kif jiżvillupaw minn żmien għal zmien.

## *Sistema edukattiva li tindokra aktar l-ispirtu ta’ intrapriza w innovazzjoni*

- Il-Gvern, l-awtoritajiet u aġenziji pubbliċi iħaddnu politika favur l-imprenditur Malti u Għawdxi, li tinkoraġġixxi u trawwem l-ispirtu ta’ intrapriża bħala l-mutur tal-ġid ekonomiku f’pajjiżna. Pajjiżna għandu bżonn aktar negozji u intrapriżi li jagħmlu suċċess għax huma dawn li jġibu l-

prosperità, joħolqu x-xogħol u l-opportunitajiet. Għalhekk, is-sistema edukattiva trid tindokra aktar l-ispirtu ta’ intrapriża w innovazzjoni, li twassal għal aktar rizorsi umani kreattivi w kapaċi li jkunu nnovattivi.

# 3.
# POLITIKA SOĊJALI LI TBIEGĦED B’MOD AKTAR EFFETTIV IR-RISKJU TAL-FAQAR

Huwa biss bil-ħolqien u t-tkattir tal-ġid ekonomiku li jkun possibbli għal kulħadd li jkollu aċċess għal bżonnijiet essenzjali għal għixien deċenti u jonqsu r-riskji ta’ faqar assolut u relattiv.

## *Tikber il-problema tal-faqar li qed wassal għal bidliet fis-soċjetà*

Skond l-istatistika uffiċjali tal-Gvern madwar 130,000 persuna jgħixu bi dħul ta’ anqas minn Lm2,000, u 75,000 persuna oħra jgħixu bi dħul ta’ bejn Lm2,000 u l-Lm4,000 fis-sena. Fost dawk li għandhom dħul ta’ Lm2,000 fis-sena jew anqas, hemm dawk li ma jaħdmux għax ikollhom jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb it-tfal u/jew il-ġenituri tagħhom, hemm is-*single parents,* u hemm dawk li sfaw bla xogħol u qed igħixu bl-għajnuna soċjali. Bi dħul ta’ Lm2,000 jew inqas fis-sena ma tistax tkampa maż-żieda qawwija fl-ispejjeż u fil-prezzijiet li ġabet magħha l-politika żbaljata ta’ dan il-Gvern, li kontinwament iżid il-piżijiet u t-taxxi biex jagħmlu tajjeb għall-isparpaljar u ħela ta’ flus il-poplu. Bi dħul baxx bħal dan żgur li dawn il-persuni ma jistgħux jgħixu ħajja daqstant deċenti. F’qasir żmien jekk se nibqgħu b’din is-sitwazzjoni ta’ ħafna impiegi b’pagi baxxi, il-problemi soċjali se jkomplu joktru. Il-familja tradizzjonali estiża, fejn l-ulied u l-anzjani nieħdu ħsiebhom id-dar, se jkollha tinbidel għaliex qed jikber il-ħtieġa li l-mara tipparteċipa fis-suq tax-xogħol, mhux b’għażla ħielsa biex tkompli tiżviluppa l-karriera tagħha, imma minħabba kwistjoni ta’ bżonn li l-familji jakkwistaw l-affarijiet mill-aktar essenzjali. Se jispiċċaw ibatu t-tfal u l-anzjani li se jkollhom ifendu għal rashom u se jkompli jonqos l-ammont ta’ tfal li jitwieldu, b’detriment ukoll għal potenzjal ta’ l-attività ekonomika futura.

## *Splużjoni fil-prezzijiet tal-propjetà li qed twassal għal faqar akbar*

Fattur ieħor li qed ikattar l-faqar relattiv ġewwa pajjiżna huwa l-isplużjoni fil-

prezzijiet tal-propjetà li seħħet f'dawn l-aħħar snin. Illum appartament sar jiswa madwar 8 darbiet id-dħul annwali medju ta' persuna, mentri għaxar snin ilu dan kien jiswa 4 darbiet id-dħul annwali medju ta' ħaddiem. Filwaqt li l-prezz tal-propjetà ttripla f'dawn l-aħħar snin, id-dħul medju għall-individwu żdied b'madwar 50% biss. Wara li taqta' l-pagamenti qawwija fuq is-self ta' kull xahar, wara li tħallas il-kontijiet dejjem jgħolew tad-dawl, ilma, telefon, petrol, liċenzji, assigurazzjoni, spejjeż għall-iskola tat-tfal, għal minn għandu paga baxxa jibqa' ftit li xejn għal bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum u din hija sitwazzjoni li ġabet u qed iġġib lil ħafna nies viċin il-linja tal-povertà. Mhux ta' b'xejn li f'dawn l-aħħar snin ir-rata ta' tifdil tal-familji Maltin u Għawdxin qed tiżvinta fix-xejn.

## *Żieda qawwija fil-prezzijiet tal-oġġetti ta' konsum*

L-imposizzjoni ta' taxxi ġodda minn dan il-Gvern, ll-introduzzjoni ta' l-eko-tax, iż-żieda fir-rata tal-VAT minn 15% għal 18%, u firxa aktar wiesa' ta' din it-taxxa, fosthom fuq l-edukazzjoni u s-saħħa ġabu magħhom żieda fl-għoli tal-ħajja li qed tkompli tnawwar mill-poter ta' akkwist tal-paga tal-ħaddiema u d-dħul tal-pensjonanti u dawk li jgħixu bis-servizzi soċjali. Bir-riżultat li aktar u aktar nies qed isibuha diffiċli jkampaw mal-prezzijiet ta' affarijiet essenzjali bħall-ikel, mediċini u affarijiet ta' l-iskola tat-tfal, li qed dejjem jiswew aktar.

**Fid-dawl ta' dan kollu, permezz ta' pjan għall-qawmien ekonomiku w soċjali għal pajjiżna, Gvern Laburista irid jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:**
***Jiżdied il-livell tal-edukazzjoni teknika u ħiliet fit-teknoloġija u l-informatika***

- Biex inkunu f'pożizzjoni li ngħollu l-livell baxx tal-pagi li għandhom numru sostanzjali ta' ħaddiema f'pajjiżna, u hekk innaqqsu il-faqar relattiv, jeħtieġ li ngħollu kemm jista' jkun malajr il-livell ta' l-edukazzjoni teknika f'pajjiżna u nrawwmu ħiliet li jrendu aktar. Irridu nindirizzaw b'mod immedjat il-problema li għandna ta' livell baxx fl-edukazzjoni teknika, ħiliet u kwalifiċi fit-teknoloġija u fl-informatika għax altrimenti mhux se nkunu kapaċi nikkompetu fl-ambitu ta' ekonomija moderna u globalizzata li teħtieġ żvilupp kontinwu fl-innovazzjoni u f'dawk l-attivitajiet li għandhom valur miżjud għoli. Dan biss jiggarantixxi li nreġġgħu lura darba għal dejjem il-faqar li qajjem rasu sew f'dawn l-aħħar snin.

## *Persuni qgħeda jiġu ntegrati lura fid-dinja tax-xogħol*

- Bil-mod kif taħdem is-sistema ta' l-għajnuna soċjali f'pajjiżna, jeżistu

sitwazzjonijiet fejn persuna li tkun qed tgħix 'bir-*relief*' ma jkunx jaqbillha taħdem, jekk bi tbatija jirnexxilha ssib ix-xogħol, għax id-differenza bejn dak li ddaħħal mir-*relief* u l-paga minima hija żgħira ħafna. Huwa għalhekk li hawn min jippreferi jgħix bir-*relief* u jaħdem xi xogħol *part-time* bil-moħbi. Gvern Laburista jaħdem fuq skemi bil-għan li dawn il-persuni jekk jibdew jaħdmu xogħol part-time ma jitilfux il-benefiċċji soċjali mmedjatament u fl-istess ħin jingħatalhom taħriġ meħtieġ biex jintegraw irwieħom aħjar fid-dinja tax-xogħol. Filwaqt li abbużi mis-sistema għandhom jitwaqqfu, mill-banda l-oħra rridu ninċentivaw lil min qed jgħix bil-benefiċċji soċjali biex jidħol fid-dinja tax-xogħol billi dawn il-benefiċċji jitnaqqsu gradatament u mhux f'daqqa bħal ma qed jigri fil-preżent, u barra minn hekk, anki r-rata tat-taxxa fuq id-dħul għandha titla' b'mod gradwali u mhux tibda mill-ewwel bir-rata ta' 15%.

## *Inħawi żvantaġġjati f'pajjiżna jingħataw nifs ġdid u tonqos id-dipendenza tagħhom fuq l- assistenza soċjali*

- Gvern Laburista permezz ta' inizjattivi speċjali u programmi ffukati, jindirizza il-problemi kbar ta' qgħad u pagi baxxi li qed jifnu ċerti inħawi żvantaġġjati ta' Malta. Anki f'Għawdex, jeżistu zvantaġġi, ewlenin fosthom l-insularità doppja li ġabu tnaqqis fl-attività ekonomika. Huwa meħtieġ li d-dipartimenti tal-Gvern u l-aġenziji pubbliċi kkonċernati, jkollhom pjanijiet speċifiċi biex dawn l-inħawi żvantaġġjati jkunu jistgħu jieqfu fuq saqajhom u tonqos id-dipendenza tar-residenti minn dawn l-inħawi fuq l-assistenza soċjali. B'sistema ta' inċentivi fiskali u finanzjarji li jistgħu jingħataw skond ir-regoli w il-programmi ta' l-Unjoni Ewropeja, tingħata għajnuna lil dawk l-imprendituri lokali u barranin li jiftħu l-intrapriża tagħhom f'dawn l-inħawi żvantaġġjati ta' Malta, u li jimpjegaw residenti mill-istess inħawi. Fl-istess waqt tingħata prijorità u jiġu valorizzati aktar dawk is-setturi li jista' jkollhom potenzjal f'dawn l-inħawi, bħal wirt storiku u tradizzjonali fil-każ tal-Kottonera, u l-agri-turiżmu, *trekking* u *wintering* fejn jidħol Għawdex.

## *Il-forzi tas-suq iridu jaħdmu aħjar biex ikollna kompetizzjoni u prezzijiet aktar ġusti*

- Teżisti statiska ta' l-EIRO (*European Foundation for the Improvement of Working Conditions*) li turi li Malta hija waħda mill-ftit pajjiżi tal-UE fejn iż-żieda nominali għall-għoli tal-ħajja ma kienetx biżżejjed biex tikkumpensa għaż-żieda fil-prezzijiet. Din hija konferma oħra ta' kemm iż-żieda qawwija fil-prezzijiet flimkien man-nuqqas ta' kumpens

adegwat għaż-żieda fl-inflazzjoni, qed kull ma jmur iżid il-pressjoni fuq il-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin. Wasal iż-żmien li wieħed jara għalfejn il-forzi tas-suq mhumiex jaħdmu sew ġewwa pajjiżna, fejn il-livelli tal-prezzijiet u spejjeż għall-ħajja qed jgħolew sostanzjalment minn sena għall-oħra b’rata ferma aktar għolja minn dik f’pajjiżi oħrajn fl-Unjoni Ewropea. Waħda mir-ragunijiet għal dan tidher li gejja minn monopolji u prattiċi anti-kompettitivi li jxekklu l-kummerċ. Qed jidher ċar li għandna bżonn ta’ politika favur kompetizzjoni ġusta li żżarma l-monopolji u l-*cartels* u kull xorta ta’ ftehim jew arranġament li jista’ jwassal għall-marġini ta’ profitti li ma jkunux xierqa. Għandna nimxu fid-direzzjoni tas-sistemi li jeżistu fl-Stati Uniti u fl-Ewropa billi nsaħħu l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni u l-għaqdiet tal-konsumaturi biex permezz ta’ aktar kompetizzjoni, ir-rata ta’ l-inflazzjoni tagħna titbaxxa għal medja Ewropea. Gvern Laburista ġdid jikkunsidra jekk ikunux jinħtieġu miżuri amministrattivi li jsaħħu t-tħaddim ta’ kompettizjoni ġusta .

## *Housing aktar aċċessibbli*

- Gvern Laburista, wara li jqies sew x’artijiet u propjetajiet għandhom id-Dipartiment ta’ l-Artijiet u l-Uffiċċju Konġunt li jamministra l-propjetà mgħoddija lill-Stat mill-Knisja, iniedi anki permezz ta’ *public-private partnerships*, proġetti estensivi ta’ żvilupp ta’ akkomodazzjoni li jkunu funzjonali, effiċjenti fl-użu ta’ l-ispazju, u fuq kollox aċċessibbli bħala prezz għall-bwiet tal-Maltin u l-Għawdxin li bħalissa qed isibuha diffiċli jixtru propjetà mingħand il-privat. Madanakollu, irid jiġi żgurat fl-istess waqt li jibqa’ jingħata ħarsien xieraq lill-ambjent. Billi għandna fil-preżent eluf ta’ propjetajiet li huma battala, jehtieg li nagħtu nċentivi biex dawn jidhlu fis-suq tal-kera. Dan irid isir billi l-ewwelnett noħolqu struttura legali fejn kwistjonijiet bejn is-sid u l-inkwilin jinqatgħu fi żmien anqas minn sena. Barra minn hekk, biex ninkoraġġixxu l-kera ta’ propjetà għal skopijiet residenzjali, jistgħu jitfasslu skemi ta’ nċentivi fiskali li jilħqu dan il-għan. Il-Kummissjoni dwar riformi fil-liġijiet tal-kera li kienet twaqqfet bejn l-1996/98 terġa’ tiġi ri-attivata b’*terms of reference* li tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fi żmien 12-il xahar minn meta jkun tela’ Gvern ġdid Laburista. Bi sħubija mal-banek kummerċjali jitwaqqaf fond biex dawk li jkollhom self fuq id-dar fejn joqgħodu u li jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu s-self minħabba li jkunu tilfu x-xogħol, jitħallsilhom l-imgħax u jingħataw moratorium fuq il-kapital sa massimu ta’ sena sakemm jinstabilhom ix-xogħol. Ġaladarba l-finanzi tal-pajjiż ikunu tqegħdu fuq sisien tajba, il-Gvern Laburista jikkunsidra li jestendi l-valur tar-rata baxxa tal-boll (*stamp duty*) fuq ix-xiri ta’ propjetà li jsir minn dawk

l-koppji jew *single parent families* li jixtru l-ewwel dar tagħhom għal skop ta’ residenza.

## 4.
## SERVIZZI SOĊJALI ADATTATI GĦAŻ-ŻMINIJIET LI QED NGĦIXU FIHOM

### *Bżonn ta’ evoluzzjoni fl-iżvilupp tal-Welfare State f’pajjiżna*

Kemm qabel u anki wara li twaqqfu s-servizzi soċjali f’Malta minn gvernijiet Laburisti kienet il-familja estiża li tindokra w tieħu ħsieb lil dawk li m’humiex f’qagħda li jfendu waħidhom, speċjalment il-morda, l-anzjani, persuni bi bżonnijiet speċjali w it-tfal. Biex dan seta’ jseħħ, il-maġġoranza tan-nisa kien ikollhom jibqgħu d-dar u ma joħorġux jaħdmu. Issa li ftit ftit il-familja Maltija qed tbiddel is-sura tagħha, kemm għax hemm aktar nisa li jixtiequ jiżviluppaw il-karriera tagħhom, u anki minħabba l-fatt li l-familja ma tistax aktar tistrieħ fuq dħul minn paga waħda biex tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-ħajja, u anki għaliex it-tisħiħ ekonomiku ta’ pajjiżna jeħtieġ li aktar nisa joħorġu jaħdmu, hemm bżonn li l-qafas soċjali ta’ pajjiżna jiġi addattat għar-realtajiet ġodda li qed niffaċċjaw. Dan l-aktar fejn jirrigwardja s-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol, ix-xejriet ġodda fil-popolazzjoni, li qed iwasslu biex ikollna aktar anzjani, kif ukoll in-numru dejjem jiżdied ta’ familji b’ġenitur wieħed, li fil-parti kbira tagħhom huma *single mothers*.

**Il-prijoritajiet ta’ Gvern Laburista, għal dik li hija ħidma biex iġedded u jtejjeb il-qafas soċjali ġewwa pajjiżna, huma dawn li ġejjin:**

### *Niffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol mingħajr ma jissagrifikaw id-dritt għall-maternità*

- Sabiex aktar nisa jiġu mħajjra jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol, u biex aktar nisa ikomplu bil-karriera tagħhom mingħajr ma jiġi mxekkel id-dritt sagrosant ta’ kull mara għall-maternità, iridu jiġu mtejjba u mifruxa s-servizzi u faċilitajiet ta’ *child care* u ta’ *day care*. Iridu jiżdiedu arranġamenti flessibbli ta’ xogħol, permezz ta’ xogħol part-time, *job sharing, reduced hours, flexi-time* eċċ. Barra minn hekk, biex tiġi nkoraġġita l-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, jeħtieġ li jsiru bidliet oħrajn bħal ħinijiet ta’ l-iskola tat-tfal li jkunu aktar integrati mal-ħinijiet tax-xogħol tal-ġenituri, faċilitajiet

ta’ trasport adegwat u inċentivi biex l-irġiel jieħdu sehem attiv fit-trobbija ta’ l-ulied.

## *Assistenza aktar iffukata fuq il-fenomenu ġdid ta’ familji b’ġenitur wieħed*

- Prijorità oħra ta’ Gvern Laburista għal dawk li huma riformi li jridu jsiru fil-qafas tas-servizzi soċjali, huwa l-faqar relattiv li ġej mill-fatt li s-*single parents,* fil-parti l-kbira ommijiet, huma litteralment mitluqin għal rieħom b’għajnuna miżera min-naħa ta’ l-iStat. F’dawn l-aħħar 5 snin kellna splużjoni fit-twelid barra ż-żwieġ (madwar 10% tat-twelid totali ta’ kull sena). Indikazzjoni ċara ta’ kemm dan huwa wieħed mis-sorsi ewlenin tal-faqar ġewwa pajjiżna huwa l-fatt li huma biss 25% tas-*single mothers* li għandhom xi forma ta’ impieg, u barra minn hekk, dawn għandhom dħul sostanzjalment inqas mid-dħul medju nazzjonali. Bħala għajnuna soċjali li jingħataw mill-iStat, din kemm kemm hija biżżejjed biex ikampaw mal-ispejjeż għall-ikel u għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Irridu nzommu f’moħħna l-mijiet, jekk mhux eluf, ta’ tfal li qed jitrabbew f’dan l-ambjent ta’ faqar relattiv li qed ipoġġihom fi żvantaġġi kbar għal dik li hija formazzjoni u tħejjija tagħhom għall-bqija tal-ħajja. Apparti minn assistenza soċjali xierqa mill-iStat, Gvern Laburista jaħdem fuq politika li tikkonċentra l-aktar fuq l-opportunitajiet ta’ xogħol produttiv, u li tinċentiva t-tkomplija ta’ l-edukazzjoni formali w anki dik vokazzjonali minn *single mothers.* Dawk is-*single mothers* li jitħajjru jgħinu lilhom infushom billi jidħlu fid-dinja tax-xogħol, m’għandhomx jiġu penalizzati bit-telfin f’daqqa tas-servizzi soċjali imma kull tnaqqis għandu jsir b’mod gradwali u l-għajnuna soċjali bażika mill-iStat għandha tibqa’.

## *Servizz pubbliku tas-saħħa b’aktar emfasi fuq il-prevenzjoni tal-mard*

- Għalkemm matul is-snin żdiedet sostanzjalment l-ispiża tal-Gvern fuq is-servizz tas-saħħa, (f’perjodu ta’ 20 sena żdiedet b’ħames darbiet u llum tlaħħaq għal madwar 8.8% tal-Prodott Gross Domestiku), xorta waħda jeżistu bosta indikaturi li juru biċ-ċar li mhux qed nieħdu lura servizz ta’ kwalità li jiswa l-flus li qegħdin jintefqu. Hemm bżonn li tiżdied l-effiċjenza u l-kontabbilità fis-servizz tas-saħħa. Fl-istess ħin irridu nbiddlu s-sistema tas-saħħa tagħna minn waħda reattiva għal waħda preventiva, li teduka u trawwem kultura li tevita l-mard safejn huwa umanament possibbli Minħabba il-kriżi li qed tolqot is-servizz tas-saħħa f’pajjiżna, Gvern Laburista ġdid filwaqt li jassigura servizz ta’ saħħa b’xejn, iniedi programm ta’ tisħiħ fis-servizzi tas-saħħa b’mod li jassigura servizz aħjar għall-poplu.

## *Trażżin fl-abbuż mis-sistema tas-servizzi soċjali*

- Għandu jiġi miġġieled l-abbuż fis-sistema tas-servizzi soċjali biex ikun hemm aktar riżorsi finanzjarji disponibbli għal minn verament għandu bżonnhom.

## *Fond speċjali għal min jiġi fil bżonn ta’ kura barra minn Malta*

- Sfortunatament, minn fil-familja tiegħu jintlaqat minn mard gravi li jkun jeħtieġ kura jew operazzjonijiet barra minn Malta, ikollu jiffaċċja mhux biss it-trawma tal-gravità tal-mard li jkun laqtu direttament, imma anki ħafna drabi jkollu jdur fuq il-karità ta’ madwaru u ġieli jkollu jittallab għall-għajnuna fuq il-mezzi tax-xandir. Hemm bżonn li jinstab il-mezz kif is-soċjetà tgħin b’mod dinjituż lil min jispiċċa f’sitwazzjonijiet trawmatiċi ta’ dan it-tip. Is-sistema ta’ l-*otto per mille* li teżisti l-Italja, fejn 0.8% tal-kontribuzzjoni tat-taxxa fuq id-dħul tista’ tmur għall-fond speċjali għal dan l-iskop, u għall-familji ta’ dawk l-impjegati li jmutu jew ikorru gravi fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

## *Aktar djar għall-kura ta’ l-anzjani*

- F’soċjetà li fiha qed iseħħ tibdil mgħaġġel, ma nistgħux nibqgħu nistrieħu fuq dak li konna mdorrijin fl-imgħoddi, fejn l-ulied kienu jieħdu ħsieb lill-ġenituri anzjani tagħhom ġewwa djarhom. Illum dan m’għadux daqshekk possibbli minħabba l-fatt li l-ulied qed ikollhom jaħdmu aktar biex ikun jistgħu ikampaw mal-ħajja. Barra minhekk minħabba l-fatt li l-anzjani llum il-ġurnata qed jgħixu aktar, sa etajiet fejn jiżdiedu l-problemi mentali u fiżiċi tagħhom, qed tiżdied id-domanda għall-kura u attenzjoni professjonali. Għalhekk, jeħtieġ li jitwaqqfu aktar djar għal kura ta’ l-anzjani anki permezz ta’ *public-private partnerships.*

## *Nintegraw iktar anzjani fis-soċjetà tagħna*

- Peress li l-għadd ta’ anzjani se jiżdied sostanzjalment matul l-ewwel nofs ta’ dan is-seklu, pajjiżna jrid jara kif se jilqa’ għal dan il-fenomenu demografiku. Għalkemm dan il-fenomenu mhuwiex uniku għal pajjiżna, izda jinstab f’ħafna pajjiżi membri u m’humiex ta’ l-Unjoni Ewropea, l-impatt ta’ proporzjon akbar ta’ anzjani f’pajjiżna huwa differenti f’żewġ aspetti minn dak li qed jiffaċċjaw ħafna pajjiżi ta’ l-UE. L-ewwelnett, billi s-sistema preżenti f’Malta għandha mposta fiha limitu massimu ta’ kemm tista titla l-pensjoni (madwar Lm4,300, li tiżdied b’żewġ terzi taż-żieda għall-għoli tal-ħajja li jagħti l-Gvern), dan ifisser li filwaqt li pajjiżi Ewropej qed jantiċipaw kriżi finanzjarja fil-futur immedjat li se tolqot il-Gvernijiet tagħhom jekk jibqgħu bis-sistemi

preżenti, l-Gvern Malti mhux ser ikollu problema finanzjarja minħabba dan il-limitu fuq il-pensjoni. It-tieni differenza bejn Malta u ħafna mill-pajjiżi membri ta’ l-UE tikkonċerna s-sostenibbilità tas-sistema. Peress li f’Malta ir-rata ta’ impjiegi hi ferm baxxa, l-aktar minħabba parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol, fil-preżent f’Malta n-numru ta’ nies jaħdmu għal kull persuna ta’ età pensjonabbli hu diġà baxx hafna u anqas minn tnejn, fejn madwar terz minn dawn it-tnejn jaħdmu mas-settur pubbliku. Għalhekk biż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq ta’ x-xogħol u bil-ħolqien ta’ opportunitajiet ġodda ta’ xogħol, is-sistema tal-pensjonijiet f’Malta għandha tibqa’ waħda sostenibbli. Għalhekk l-isfida ewlenija għaż-żmien tal-lum tibqa’ dik tal-holqien ta’ xogħol produttiv. Però l-kwistjoni ta’ pensjoni adegwata u sostenibbli xorta tibqa’ waħda li eventwalment trid tiġi miflija bil-għaqal.

- Il-kwistjoni tal-pensjonjiet trid tiġi eżaminata f’dettal aktar u wara li wieħed ikollu l-informazjoni neċessarja u l-istudji kollha biex ikun jista’ jagħmel ġudizzju aħjar fuq kif tinżamm is-sostenibbiltà tal-pensjonjiet. Huwa vitali li l-*issue* tal-pensjonjiet ma tintużax bħala paraventu biex tiżdied il-kontribuzjoni mill-impjegati u minn min iħaddem biex sempliċiment il-Gvern iżid id-dħul tiegħu u jkompli jillapazza bil-finanzi nazzjonali kif qed jagħmel Gvern Nazzjonalista preżenti. Bħal f’kull ħaġ’oħra hija meħtieġa analiżi komprensiva u dettaljata tal-kwistjoni kollha biex jitfassal pjan vijabbli wara diskussjoni mal-partijiet konċernati kollha. Dan fl-isfond tar-realtà ta’ pajjiżna llum u fil-futur. Li huwa ċert huwa il-fatt li jinħtieġ li pajjiżna jimbarka fuq pjan koerenti għal holqien tax-xogħol li jirriżulta fil-ħolqien tal-ġid u b’hekk biss nassiguraw is-sosteninbilità tal-ħarsien soċjali u dinjità individwali ta’ kull wieħed u waħda minnha.

# GĦELUQ

Il-futur jinsab f’idejna. Jeħtieġ illi nerġgħu inġibu lil pajjiżna kompettitiv f’dinja globalizzata u f’suq liberalizzat.

Konvinti li dan nistgħu nagħmluh jekk nibnu l-futur tagħna fuq ix-xogħol produttiv, xogħol li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familji tagħna u li jagħti l-mezzi lil pajjiż biex inkunu nistgħu ntejbu l-ambjent, kemm dak fiżiku u fuq kollox dak soċjali.

Dan il-Pjan ifisser l-għanijiet prinċipali tal-politika ekonomika u soċjali tal-Partit Laburista llum u Gvern Laburista tal-futur. Pjan biex jerga’ jagħti nifs ġdid lill-ekonomija li marrad Gvern Nazzjonalista. Pjan li huwa mfassal fuq ir-realtà ta’ pajjiżna llum u li jista’ jiġi addottat għaċ-ċirkostanzi li l-Partit Laburista se jkollu jiffaċċja kif jidħol fil-gvern.